# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 26 ta' April 2024**

**Avviż numru: 4/2021 BS**

**Raymond Azzopardi**

**–vs–**

**Marvic Bugeja**

**Il-Qorti;**

### A. Preliminari:

**Rat l-Avviż**[1] li bih Raymond Azzopardi talab lill-konvenut Marvic Bugeja jgħid il-għaliex m'għandux ikun ikkundannat iħallsu s-somma ta' sebat elef, sitt mija u ħamsin ewro (€7,650) rappreżentanti:

a. somma ta' sebat elef ewro (€7,000) mgħoddija lill-intimat għax-xiri ta' żiemel bi prezz li l-intimat rreklama mar-rikorrenti, li kien jiswa s-somma ta' wieħed u għoxrin elf ewro (€21,000), dan wara li l-partijiet flimkien ma' terz Mario Spiteri, kienu ftiehmu li jakkwistaw l-imsemmi żiemel bejniethom u f'isimhom ugwalment. Irriżulta li l-intimat akkwista ż-żiemel f'ismu biss mhux għal prezz ta' wieħed u għoxrin elf (€21,000) iżda għal prezz ta' sebat elef ewro (€7,000) li ġew imħallsa mir-rikorrenti Raymond Azzopardi. Għalhekk l-ammont ta'

[1] Avviz a fol 3.

sebat elef ewro (€7,000) għandu jiġi rifuż lura lir-rikorrenti Raymond Azzopardi;

b. is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) prezz ta' *harness* mibjugħ u kkunsinnat lilu;

c. u s-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) prezz ta' mediċinali taż-żiemel li huwa talab lill-attur jixtrilu u li ġew debitament inkunsinnati lilu.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenut Marvic Bugeja**[2] **illi eċċepixxa:**

1. *"Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur;*

2. *Illi, in linea preliminari, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li la qatt kellu relazzjonijiet kuntrattwalI u lanqas tal-ebda xorta ohra mal-attur;*

3. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur m'ghandu l-ebda dritt ghal xi rimborz minghand il-konvenut, u dan kif ser jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-avviz;*

4. *Salv risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li qed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** il-kopja fotostatika ta' l-ircevuta mahruga minn *Farmcare Animal Health Care – Tas-Salib Veterinary Pharmacy* lill-attur nhar il-11 ta' Lulju, 2018 ghal-medicinali fil-valur ta' €250[3] u; il-kopja fotostatika ta' ircevuta

[2] Risposta a fol 8.
[3] Kopja tal-ircevuta a fol 16.

mahruga minn certu Brian Camilleri nhar il-11 ta' Lulju, 2018 ghal armar tat-trot fil-valur ta' €400.[4]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2022 l-attur ddikjara l-provi tieghu maghluqa.[5]

**Rat** in-nota tal-konvenut tas-6 ta' April, 2022 li biha ezebixxa kopja awtentikata tal-passaport relattiv ghaz-ziemel James Hugo.[6]

**Rat** is-sensiela ta' ircevuti mahruga lill-konvenut minghand *Robert's Feeds* ghal diversi prodotti mixtrija tul il-perijodu bejn Gunju, 2018 u Mejju 2020.[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2023 l-attur iddikjara l-kontro-ezamijiet tieghu ezawriti.[8]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2024 il-konvenut iddikjara l-provi tieghu maghluqha, saret it-trattazzjoni finali da parti tal-avukati difensuri tal-partijiet, u l-kawza giet iddifferita ghal-llum ghas-sentenza.[9]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

## B. Provi:

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Raymond Azzopardi**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[10]

Jiddikjara li huwa u l-konvenut kienu hbieb sa minn tfulithom. Izid li lejn Gunju 2018 kien ix-Xewkija, Ghawdex fuq xoghol meta l-konvenut iltaqa' mieghu u qallu b'ziemel li kien ghal-bejgh.

[4] Kopja tal-ircevuta a fol 17.
[5] Verbal a fol 39.
[6] Nota a fol 40 b'kopja awtentikata tal-passaport ossia *Document of Identification* a fol 41 sa 46. Id-*Document of Identification* jidentifika ziemel bl-isem ta' *Jane's Hugo* li gie mill-Isvezzja, tas-sess maskili – *hingst* li tfisser *stallion* – li twieled fid-29 ta' April, 2010 u huwa tattwat bin-numru S01578.
[7] Kopji a fol 95 sa 118.
[8] Verbal a fol 128.
[9] Verbal mhux paginat.
[10] Affidavit a fol 13.

Jghid li l-konvenut infurmah li l-prezz kien ta' €21,000 u ssuggerilu li dan jixtruh bi shab huma flimkien ma' certu Mario Spiteri. Izid li kull sehem kellu ghalhekk ikun ta' €7,000.

Jiddikjara li gimghatejn wara ltaqa' mal-konvenut u ghaddielu €7,000, sehemu mil-prezz ghax-xiri taz-ziemel.

Jghid li mbaghad, u fl-ahhar gimgha ta' Gunju, 2018 kien Rahal Gdid fejn ra' lill-konvenut ma' terzi jhottu ziemel. Jghid li wiehed mit-terzi, certu Michael maghruf *"Il-Bugi"* kien jimporta z-zwiemel mill-Italja b'dan li ghalhekk huwa gharaf li dak kien proprju z-ziemel suppost mixtri bi shab.

Jghid li hu lill-konvenut kien jafdah b'dan li gimgha wara li ra z-ziemel Malta mar xtralu *harness* u medicina fuq talba tal-konvenut. Jghid li dawn swewh €400 u €250 rispettivament.

Jghid li gimghatejn wara li ra lill-konvenut ihott iz-ziemel sar jaf minghand terzi li z-ziemel kien jiswa biss €7,000 u li l-konvenut kien xtrah wahdu bi flusu – flus l-attur. Izid li sar jaf ukoll li l-konvenut irregistra z-ziemel fuq ismu biss.

Jghid li wiehed min-nies li qallu li l-konvenut qarraq bih kien proprju Mario Spiteri.

**In kontro-ezami**, xehed[11] li huwa lill-konvenut jafu ta' eta zghira ghax missierijithom it-tnejn kienu bil-baqar u kienu jiltaqghu Ghawdex. Izid li hu u l-konvenut kienu hbieb kbar.

Jghid li l-konvenut qallu li ser igibu dan iz-ziemel u hu thajjar. Izid li l-konvenut qallu li z-ziemel kien ser jiswa €21,000 b'kull sehem minn tlieta kien ta' €7,000.

Jghid li hu halla f'idejhom u ta' €7,000 lill-konvenut.

Jghid li hu ghaddha dawn il-flus lill-konvenut minghajr ma' staqsa xejn dwar iz-ziemel ghaliex lill-konvenut kien jafdah.

[11] Traskrizzjoni a fol 60 sa 66.

Izid li s-€7,000 hu taghhom lill konvenut fi flus kontanti hdejn ir-razzett ta' missieru. Jghid li ta dan kien hemm ix-xhieda Benny u Mario Spiteri. Izid li dawn ma' ridhux jixhdu fil-Qorti.

Izid li xhud tal-hlas kien hemm ukoll Carmel Cortis li kien qieghed hemm jixtri l-ghoggiela.

Jaqbel li mbaghad fl-ahhar gimgha ta' Gunju, 2018 kien Ras Hanzir fejn ra' lill-konvenut, Benny Spiteri, u Michael Bugeja jhottu ziemel u huwa nduna li dak kien iz-ziemel li dwaru hallas €7,000.

Jghid li huwa Ras Hanzir ma' kienx b'kumbinazzjoni izda ghax kien gie nfurmat li ser jasal iz-ziemel taghhom.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-ezami** xehed[12] li dakinhar Ras Hanzir kien hemm huh mieghu.

Jghid li jekk huh mhux imsemmi fl-affidavit tieghu dak ghax l-affidavit kitbitulu l-avukat. Izid li l-avukat kitbet li qalilha hu. Mistoqsi allura ghalfejn ma' semmiex lill huh mal-avukat jghid li ma' hasx il-htiega. Jinsisti izda li huh hemm kien.

Jghid li sabiex jiltaqghu Ras Hanzir, Rahal Gdid, huwa kien miftiehem mal-konvenut u Benny Spiteri.

Mistoqsi ghalfejn allura fl-affidavit kiteb li huwa nzerta kien qadja Rahal Gdid u rahom ihottu ziemel, mhux li kien miftiehem sabiex ikun hemm, jghid li l-verzjoni t-tajba hija li hu kien infurmat li ser jasal iz-ziemel u ghalhekk mar Ras Hanzir.

Mistoqsi ghalfejn, gjaladarba issa jghid li Ras Hanzir mar skont kif miftiehem dwar iz-ziemel li xtara, fl-affidavit kompla billi qal li dak il-hin huwa nduna li dak iz-ziemel kien li suppost inxtara bi shab, jghid li huwa Ras Hanzir mar b'intenzjoni dwar iz-ziemel li hallas ghalih.

[12] Traskrizzjoni a fol 67 sa 75.

Jghid li l-konvenut imbaghad qallu li z-ziemel kienu ser izommuh ghandhom u ghabbewh f'karru hu – il-konvenut – u Benny Spiteri. Izid li dan minkejja li fuq hekk ma' qal xejn fl-affidavit.

Jghid li hu lill konvenut ma' talbux jara l-passaport taz-ziemel ghax halla f'idejh.

**In re-ezami**, xehed[13] li f'Gunju 2018 mar fuqu l-konvenut, semmielu z-ziemel, qallu li rah fuq il-medja socjali ta' Michael Bugeja, u ftehmu li jixtruh bi shab, bejn tlieta, ghal €21,000.

Jghid li wara dan huwa ta' €7,000 lill-konvenut; sehemu mil-prezz taz-ziemel.

Jghid li sabiex ikun Ras Hanzir lilu qalulu l-konvenut u Benny Spiteri. Izid li qalulu li ser jasal iz-ziemel.

Jghid li x'hin kienu Ras Hanzir il-konvenut qallu li z-ziemel kienu ser jiehdu hsiebu huma b'dan li ghabbewh f'karru u haduh Ghawdex. Jghid li hu halla f'idejhom ghax afda fihom.

Izid li mbaghad ghaddew xi hmistax u beda jisma li z-ziemel gabuh ghal €7,000. Izid li hawn kellem lill-konvenut li l-ewwel offendih imbaghad ma' baqax ikellmu.

Jghid li fl-interval bejn li ngabar iz-ziemel minn Ras Hanzir u li offendih il-konvenut, l-istess konvenut baghtu Hal Qormi jixtri *harness* li hallas ghalija hu. Izid li din il-*harness* hadha lill-konvenut fir-razzett ta' missieru, Ghawdex.

Jghid li mbaghad il-konvenut reggha cempillu u baghtu ghand *Tas-Salib* jixtri xi medicina. Jghid li lilu ma' giex spjegat ghalfjen iz-ziemel kellu bzonn il-medicina.

**Carmel Cortis**, xehed permezz ta' affidavit.[14]

[13] Traskrizzjoni a fol 75 sa 81.
[14] Affidavit a fol 14.

Jiddikjara li ghal-habta ta' Gunju 2018 kien ix-Xewkija, Ghawdex sabiex jixtri zewg ghoggiela.

Jghid li dakinhar li kien hemm ra lill Raymond Azzopardi u Marvic Bugeja jitkellmu dwar ziemel. Izid li semgha wkoll lill Marvic jitlob €7,000 minghand Raymond b'Raymond ghaddielu l-flus dak il-hin stess f'kontanti.

**Michael Bugeja**, xehed permezz ta' affidavit.[15]

Jiddikjara li huwa ilu minn ckunitu biz-zwiemel. Izid li xi zmien ilu kellu ziemel jismu James Hugo li dwaru kien avvicinah certu Marvic Bugeja akkumpanjat minn certu Benny Spiteri li kien talbu jixtri z-ziemel.

Jghid li kienu qablu dwar il-prezz ta' €7,800 li thallas minn Marvic li ha z-ziemel.

**Benny Spiteri** xehed[16] li lill-konvenut jafu sew mentri lill-attur jafu ftit biss mil-medja socjali. Jghid li jekk qatt kellem lill-attur dan kien biss ftit tramite l-medja socjali.

Dwar iz-ziemel James Hugo jghid li dak xtrah il-konvenut u hu kien telgha mal-konvenut sabiex gabruh minn Malta.

Jghid li hu ma' jafx ezatt kif il-konvenut akkwista dan iz-ziemel.

**Mario Spiteri** xehed[17] li lill-partijiet jafhom it-tnejn.

Dwar iz-ziemel James Hugo jghid li hu m'ghandux x'jaqsam bejn il-partijiet u ma' jafx l-affari kif inhi. Izid li dwar dan iz-ziemel ma' jaf xejn.

---

[15] Affidavit a fol 15.
[16] Traskrizzjoni a fol 18 sa 20.
[17] Traskrizzjoni a fol 21 u 22.

**Marvic Bugeja**, konvenut, in subizzjoni, xehed[18] li lill-attur jafu fuq ix-xoghol. Jghid li mal-attur qatt ma' tkellem dwar xejn ghajr xoghol tal-biccerija.

Mistoqsi jafx lill certu Michael Bugeja maghruf bhala *"Il-Bugi"* jghid li iva ghax xtara ziemel minghandu. Izid li z-ziemel jismu James Hugo u ghandu xi 8 jew 9 snin.

Jghid li z-ziemel poggih ghal-bejgh fuq il-medja socjali Michael *Il-Bugi*, huwa rah, cempel, staqsa x'kien il-prezz, intalab €7,500, u huwa qabel li jikkonkludi x-xiri.

Jghid li ghaz-ziemel huwa hallas bi flus kontanti. Izid li Michael ma' tahx ircevuta. Jghid li kwalunkwe' dokumenti dwar iz-ziemel marru l-Marsa, il-klabb taz-zwiemel.

Jghid li z-ziemel *Il-Bugi* gabulu Malta wara li huwa hallsu u z-ziemel gie rregistrat fuq ismu.

Jghid li l-attur qed jghid li hu tah il-flus ghax-xiri taz-ziemel izda ghaz-ziemel hu hallas.

Jobbliga ruhu li jezebixxi kull dokument li ghandu dwar l-akkwist taz-ziemel.

Jghid li l-attur lilu qatt ma' tah flus. Izid li l-prezz taz-ziemel kollu hu hallsu.

**Xehed ulterjorment**,[19] in kontinwazzjoni tas-subizzjoni, li ghaz-ziemel huwa thajjar fl-2018 u dwaru kellem lill Michael Bugeja li kien poggieh ghal-bejgh fuq il-medja socjali.

Suggerit lilu jekk iz-ziemel wasalx Malta lejn Gunju, 2018 jghid li hekk jahseb.

Mistoqsi jekk skont il-passaport taz-ziemel dan twieled fid-29 ta' April, 2010 mela kemm dan kellu zmien meta xtrah hu, jghid li z-ziemel kellu 8 snin meta xtrah hu.

[18] Traskrizzjoni a fol 28 sa 38.
[19] Traskrizzjoni a fol 50 sa 59.

Jghid li z-ziemel zviluppa problema u kellu bzonn hafna medicina. Izid li fil-fatt fil-korsa darba biss nizlu. Jghid li eventwalment dan iz-ziemel nehhih fuq parir tat-tabib tieghu.

Jghid li ghaz-ziemel huwa hallas €7,800 lill Michael Bugeja.

Jghid li huwa l-flus lill Michael taghhom imbaghad ma' jafx Michael kif hallas lill sidu ta' barra minn Malta.

Jghid li f'medicina liz-ziemel mhux €250 nefaqlu izda eluf ta' euro. Izid li minkejja dan iz-ziemel baqa' baghtut.

Jghid li bhala apparat ghat-trot huwa kellu kollox ghax ghandu aktar zwiemel. Izid li dan iz-ziemel minn barra wahdu gie, minghajr ebda apparat tat-trot.

**In ezami**, xehed[20] li z-ziemel James Hugo huwa rah ghal-bejgh fuq il-medja socjali ta' Michael Bugeja *Il-Bugi*, ikkomunika mall-istess Bugeja li talbu jehodlu l-hlas ta' €7,800 biz-ziemel ngib Malta wara li hu ghaddha l-hlas lill Michael.

Jghid li l-hlas lill Michael huwa ghamlu fl-istalel tal-istess Michael.

Jghid li z-ziemel wasal Malta xi hmistax wara, Ras Hanzir, u huwa mar ghalih flimkien ma' Benny.

Jghid li z-ziemel gie mill-Izvezzja b'dan li malli wasal huwa nefaq dak necessarju fi gwiez.

Jghid li hu lill-attur jafu biss fuq ix-xoghol il-biccerija, Malta b'dan li mieghu qatt ma' ghamel negozju dwar dan iz-ziemel.

Jghid li wara l-ewwel tigrija biz-ziemel bdew il-problemi u hawn tkellem ma' Shawn Pete Azzopardi li laqghu ma' veterinarju li kien igib mill-Italja u jdawwru ghand in-nies.

[20] Traskrizzjoni a fol 91 sa 93.

Jghid li hawn kibru hafna l-ispejjez taz-ziemel stante li rrizulta li kellu *cartridge* miekul. Jghid li lill-veterinarju dejjem huwa hallsu kif jista jikkonferma Shawn Pete Azzopardi.

Jghid li minghand il-veterinarju qatt ma′ gabar ircevuti izda tal-gwiez ghandu xi haga.

Jobbliga ruhu li jezebixxi l-ircevuti tal-gwiez.

**Xehed ulterjorment**[21] billi ezebixxa sensiela ta′ ircevuti dwar xiri ta′ gwiez.[22]

Jghid li dawn l-ircevuti kienu jinghataw lilu meta huwa kien jixtri l-gwiez minghand Shawn Pete Azzopardi.

Jikkonferma l-ircevuti bil-gurament tieghu.

**Shawn Pete Azzopardi** xehed permezz ta′ affidavit.[23]

Jiddikjara li huwa jiggestixxi negozju ta′ bejgh ta′ gwiez u oggetti relatati.

Jghid li lill konvenut jafu ghaliex spiss jixtri minghandu nkluz ghalf ghaz-ziemel tieghu James Hugo.

Jghid li l-konvenut kellmu wkoll meta l-istess ziemel bdewlu l-problemi medici tant li kien hu li ssuggerilu veterinarju. Izid li hu kien ukoll ikun prezenti meta l-konvenut kien ihallas ghas-servizz ta′ veterinerija.

Jghid li dejjem u biss il-konvenut avvicinah dwar dan iz-ziemel u dejjem il-konvenut hallas l-ispejjez relatati mieghu.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

21 Traskrizzjoni a fol 118a sa
22 Kopji tal-ircevuti a fol 95 sa 118.
23 Affidavit a fol 90.

B'din il-kawza l-attur talab kundanna ghal-hlas mill-konvenut tal-valur ta' €7,650 skontu minnu minfuqha in kwantu ghal-valur ta' €7,000 favur l-akkwist ta' ziemel tat-trot, €400 favur l-akkwist ta' apparat tat-trot ghall-istess ziemel, u €250 favur prodotti medicinali ghall-istess ziemel.

Il-konvenut laqa' ghal dan billi eccepixxa li t-talbiet atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li qatt ma' kellu relazzjonijiet kuntrattwali mal-attur, u li l-attur m'ghandu dritt ghal ebda rimbors minghandu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

In succinct, jirrizulta ampjament car mill-provi in atti li din il-kwistjoni titratta l-akkwist ta' ziemel tat-trot li jgib l-isem ta' Jane's Hugo.[24]

Dan minkejja li tul il-proceduri d-diversi xhieda kemm *viva voce* kif ukoll li xehedu bil-procedura tal-affidavit jitkellmu dwar ziemel bl-isem ta' James Hugo.

Il-kjarifika li z-ziemel identifikat fid-dokumenti ufficjali[25] huwa dak in mertu tista' titqies maghmulha mill-fatt li l-eta' li l-konvenut jixhed li kellu z-ziemel meta dan wasal Malta tikkumbacja mad-data tat-twelid tal-istess ziemel rizultanti mid-dokumenti in atti.

B'dan li l-kwistjoni in mertu m'hijiex dwar jekk giex akkwistat u wasalx Malta tali ziemel – fuq liema punti hemm qbiel bejn il-partijiet – izda dwar minn iffinanzja l-prezz tal-akkiwst u xiri tieghu u spejjez ancillari ta' apparat tat-trot u medicinali.

Hawnhekk issorgi d-divergenza bejn il-partijiet bl-attur jinsisti li huwa ghaddha somma ta' €7,000 lill-konvenut sabiex dan ipoggi l-istess favur l-akkwist taz-ziemel bi shab bejn tlieta minn nies ghal-total ta' €21,000 mentri l-konvenut jinsisti li z-ziemel dejjem u unikament inxtara biss minnu versu l-prezz globali ta' €7,800.[26]

---

[24] Ref.: id-*Document of Identification* a fol 41 *et seq.*
[25] Ref.: id-*Document of Identification* a fol 41 *et seq.*
[26] Prezz globali kkonfermat mix-xhud Michael Bugeja u ghal darbtejn dikjarat mill-konvenut, b'darba il-konvenut jirrizulta jizgarra fil-prezz li jindika bhala li kien ta' €7,500 – zball li din il-Qorti tqies accettabbli fic-cirkostanzi.

Infatti, filwaqt li l-attur jinsisti li darba fost l-ohrajn huwa ltaqgha mal-konvenut li kien ilu jaf sa minn ckunitu u gie lilu propost l-akkwist ta' dan iz-ziemel – mill-istess konvenut – ghal-prezz globali ta' €21,000 bejn tlieta min nies – hu, il-konvenut, u certu Mario Spiteri – b'dan li huwa ghaddha sehemu mill-prezz globali lill-konvenut li mbaghad zamm iz-ziemel ghalih; il-konvenut, da parti tieghu, jinsisti li huwa ma' l-attur qatt ma' kellu negozju, biz-ziemel rah hu offrut ghal-bejgh minn Michael Bugeja fuq il-medja socjali, innegozja mall-istess Michael Bugeja, u hekk ghadda sabiex wahdu ffinanzja l-akkwist u xtara z-ziemel.

Sabiex jipprovaw it-tezijiet divergenti taghhom, il-partijiet kontendenti jressqu provi varji kemm f'forma dokumentarja kif ukoll tramite xhieda.

L-attur joffri l-verzjoni tal-fatti tieghu permezz ta' affidavit tieghu. Jressaq ukoll lix-xhieda Carmel Cortis, Michael Bugeja – li minghandu nxtara z-ziemel in mertu – Benny Spiteri – li akkumpanja lill-konvenut sabiex jigbor iz-ziemel akkwistat minn Malta u jiehdu Ghawdex – u Mario Spiteri – li skont l-attur kellu jkun it-terz parti fis-shab tax-xiri taz-ziemel ma' l-attur u l-konvenut.

Carmel Cortis jixhed li huwa semgha u ra lill-partijiet kontendenti jinnegozjaw l-akkwist taz-ziemel b'dan li jzid li ra wkoll lill-attur jghaddi flus kontanti fil-valur ta' €7,000 lill-konvenut.

Michael Bugeja jixhed li z-ziemel in mertu gie akkwistat minn Marvic Bugeja wara li l-istess Bugeja avvicinah akkumpanjat minn certu Benny Spiteri, qabel li jakkwista z-ziemel ghal €7,800, hallas ghalih u ha z-ziemel mieghu.

Benny Spiteri xehed li huwa dwar il-finanzjamanet taz-ziemel ma jaf xejn b'dan li jaf biss li l-konvenut xtara l-istess u huwa mar mieghu jigbru minn Malta.

Mario Spiteri xehed li huwa m'ghandu xejn x'jaqsam bejn il-partijiet u ma jaf xejn dwar iz-ziemel in mertu.

L-attur iressaq ukoll zewg dokumenti ossia; ircevuta mahruga minn *Farmcare Animal Health Care – Tas-Salib Veterinary Pharmacy* lilu nhar il-11

ta' Lulju, 2018 ghal-medicinali fil-valur ta' €250[27] u; ircevuta mahruga minn certu Brian Camilleri nhar il-11 ta' Lulju, 2018 ghal armar tat-trot fil-valur ta' €400.[28]

Da parti tieghu, il-konvenut joffri l-verzjoni tieghu in subizzjoni, in ezami, u in kontro-ezami, filwaqt li jressaq ukoll ix-xhieda ta' certu Shawn Pete Azzopardi u jaghmel kontro-ezami ezawrjenti tal-attur.

Ma' jaghmilx izda kontro-ezami tax-xhieda ulterjuri tal-attur Carmel Cortis, Michael Bugeja, Benny Spiteri, u Mario Spiteri.

Il-konvenut iressaq ukoll il-passaport ossia *Document of Identification* taz-ziemel[29] kif ukoll sensiela ta' ircevuti mahruga lilu minghand *Robert's Feeds* ghal diversi prodotti mixtrija tul il-perijodu bejn Gunju, 2018 u Mejju 2020.[30]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Bil-provi in atti kkunsidrati fid-dawl tal-assjem taghhom, din il-Qorti thoss li kien ikun opportun li jsir il-kontro-ezami da parti tal-konvenut tax-xhieda mressqa mill-attur, partikolarment tax-xhud Carmel Cortis li jghid li ra lill-attur jghaddi xi hlas f'kontanti lill-konvenut.

B'dan izda li min-nuqqas tal-kontro-ezami biss, partikolarment dak tax-xhud Carmel Cortis, u tenut kont tal-assjem tal-provi; din il-Qorti ma' tistax tinferixxi dan in-nuqqas tal-konvenut bhala xi tip ta' akkwiexxenza ma' dak li xehed l-istess Cortis.

Infatti, din il-Qorti, flimkien ma' dan in-nuqqas tal-konvenut, trid tabilhaqq tikkunsidra wkoll il-konsistenza tax-xhieda moghtija mill-partijiet u l-korraborazzjoni tal-istess minn xhieda ndipendenti.

Min dan l-ezami, dak li jirrizulta huwa li filwaqt li l-konvenut baqa' konsistenti tul ix-xhieda tieghu kemm in subizzjoni, kif ukoll in ezami u kontro-ezami, l-attur irrizulta pjutost inkonsistenti fix-xhieda tieghu, partikolarment waqt il-kontro-ezami tieghu minn fejn hargu punti li kien

[27] Kopja tal-ircevuta a fol 16.
[28] Kopja tal-ircevuta a fol 17.
[29] A fol 41 sa 46.
[30] Kopji a fol 95 sa 118.

certament jiswa lilu, attur, li jinkludi fl-affidavit li bih fetah il-provi tieghu. Dan oltre l-fatt li terzi li semma bhala xhieda kardinali ta' dak allegat minnu – inkluz Mario Spiteri – innegaw il-verzjoni tieghu, attur.

Dan oltre li fl-istess kontro-ezami tal-attur gie minnu dikjarat li dakinhar li l-ewwel darba ra z-ziemel in mertu Malta huwa – l-attur – kien ma huh b'dan izda li l-istess huh qatt ma ssemma fl-affidavit tieghu u anqas tressaq bhala xhud waqt il-gbir tal-provi tieghu, attur, tant li talba tardiva tal-attur ghat-tahrika ta' huh bhala xhud – liema talba saret wara l-gheluq tal-provi atturi – giet debitament michuda.

Dwar imbaghad id-dokumenti ezebiti mill-attur, ossia ircevuta mahruga minn *Farmcare Animal Health Care – Tas-Salib Veterinary Pharmacy* lilu nhar il-11 ta' Lulju, 2018 ghal-medicinali fil-valur ta' €250[31] u; ircevuta mahruga minn certu Brian Camilleri wkoll nhar il-11 ta' Lulju, 2018 ghal armar tat-trot fil-valur ta' €400;[32] din il-Qorti tosserva li li l-ewwel ircevuta hawn msemmija taghti nofrmazzjoni dwar meta nharget u li nharget lill-attur, izda ma' tghidtx dwar liema annimal inharget. Dan oltre l-fatt li la biss giet ezebita f'forma awtentikata u wisq anqas ingieb minn harigha sabiex jixhed dwarha jew giet konfermata bil-gurament mill-attur.

Dwar it-tieni ircevuta hawn imsemmija din mhux biss ma' gietx ezebita fil-forma awtentikata taghha izda wisq anqas tidentifika lil minn inharget. Oltre li anqas dwar din la ngieb minn jixhed u anqas saret konferma taghha bil-gurament mill-attur.

Dan minghajr xejn ma' jinghad dwar il-fatt li filwaqt li mill-kopji tal-istess ircevuti ezebiti ill-attur jirrizulta li dawn inhargu fl-istess data; l-attur in kontro-ezami jixhed li huwa ntbaght f'okkazzjonijiet diversi jakkwista l-apparat tat-trot u l-medicinali, u dan fi granet mbieghda minn xulxin.

Oltre minn hekk, m'huwiex spjegat kif ix-xhud Carmel Cortis setgha b'tant certezza jixhed li l-attur ghaddha €7,000 lill-konvenut fi flus kontanti meta jirrizulta biss li l-istess Cortis setgha nzerta kien fir-razzett tal-konvenut u missieru fl-istess zmien meta kien hemm l-attur izda

[31] Kopja tal-ircevuta a fol 16.
[32] Kopja tal-ircevuta a fol 17.

minghajr ma' jirrizulta li kellu xi involviment f'xi negozju li setgha kien hemm bejniethom.

Minn naha l-ohra, ix-xhieda tal-konvenut mhux biss baqghet konsistenti tul il-gbir tal-provi izda tirrizulta korroborata minn dik ta' Michael Bugeja – li minnghandu gie akkwistat iz-ziemel – ta' Benny Spiteri – li mal-konvenut gabar iz-ziemel minn Malta, u ta' Shawn Pete Azzopardi li jixhed minghajr tlaqliq u minghajr anqas ma' gie kontro-ezaminat mill-attur li spejjez maghmulha ghandu u quddiemu dwar iz-ziemel in mertu dejjem u unikament saru mill-konvenut li wkoll hallas ghalihom.

Dan oltre l-fatt li l-ircevuti ezebiti mill-konvenut in sostenn tal-ispejjez li nsista li dejjem ghamel wahdu favur iz-ziemel in mertu[33] gew minnu wkoll ikkonfermati bil-gurament kif necessarju, ma' gewx kontradetti mill-attur, u lkoll jidentifikaw lilu bhala dak li hallas ghalihom.

Il-Qorti tara ghalhekk li mhux biss il-verzjoni tal-konvenut tirrizulta aktar verosomili u kredibbli minn dik tal-attur izda li l-attur naqas f'li jaghmel kull ma' kien jinkombi fuqu sabiex jipprova dak li huwa stess jallega – principju kardinali tal-gurisprudenza nostrana.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz, tichad it-talbiet atturi *in toto*.

Bl-ispejjez ta din il-kawza a karigu tal-attur.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

[33] Ref.: ircevuti a fol 95 sa 118.

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**